

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/455/PESK**tal-11 ta' Lulju 2014****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, il-Kunsill iqis li persuni addizzjonali għandhom jiżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tidher fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

ANNEX

LISTA TA' PERSUNI MSEMBIJA FL-ARTIKOLU 1

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|----|--|--|--|------------------|
| 1. | Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич Бородай) | Data tat-twelid: 25.7.1972 f' Moska | L-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju ddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-'faxxisti' Ukraini"), Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya" | 12.7.2014 |
| 2. | Alexander KHODAKOVSKY (Александр Сергеевич Ходаковский) | | L-hekk imsejjaħ "Ministru tas-Sigurtà tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk" | 12.7.2014 |
| 3. | Alexandr Aleksandrovich KALYUSSKY, (Александр Александрович Калусский) | | L-hekk imsejjaħ "de facto Viċi Prim Ministru tal-Affarijiet Soċjali tar-RPD". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk" | 12.7.2014 |
| 4. | Alexander KHRYAKOV | | L-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-RPD". Responsabbli għall-attivitajiet ta' propaganda favur is-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk" | 12.7.2014 |
| 5. | Marat BASHIROV | | L-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk, ikkonfermat fit-8 ta' Lulju". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk" | 12.7.2014 |
| 6. | Vasyl NIKITIN | | L-hekk imsejjaħ "Viċi Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk", (qabel kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk", u kien kelliem tal-"Armata tax-Xlokk"). Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk" Responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Armata tax-Xlokk li l-elezzjonijiet presidenzjali Ukraini fir-"Repubblika Popolari ta' Luhansk" ma jstgħux isiru minħabba l-istatus "il-ġdid" tar-reġjun. | 12.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|-----|---------------------------------------|---|---|------------------|
| 7. | Aleksey KARYAKIN (Алексей Карякин) | 1979 | L-hekk imsejjaħ "President tal-Kunsill Suprem tar- Repubblika Popolari ta' Luhansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-"Kunsill Suprem", responsabbli għat-talba lill-Fede- razzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar- "Repubblika Popolari ta' Luhansk" Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya" | 12.7.2014 |
| 8. | Yurij IVAKIN (Юрий Ивакин) | | L-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Affarijiet Interni tar- Repubblika Popolari ta' Luhansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk" | 12.7.2014 |
| 9. | Igor PLOTNITSKY | | L-hekk imsejjaħ "Ministru tad-Difiża tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk" | 12.7.2014 |
| 10. | Nikolay KOZITSYN | 20 ta' Ġunju, 1956 fir-reġjun ta' Donetsk | Kmandant tal-forzi Kosakki. Responsabbli għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal- Ukraina fil-ġlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukrain | 12.7.2014 |
| 11. | Oleksiy MOZGOVY (Олексій Мозговий) | | Wieħed mill-mexxejja tal-gruppi armati fil-Lvant tal- Ukraina. Responsabbli għat-taħriġ tas-separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukrain | 12.7.2014 |